MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 869/2007

Victor Trapani (Id. 580141M), Michael Trapani (Id. 618563M) u James Trapani (Id. 395566M).

Vs

Windsor Car Rentals Limited, David Gatt u Dennis Gatt.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' erba mija u erbatax-il lira Maltin (Lm414) ekwivalenti ghal disa mija u erbgha u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€964.36), rapprezentanti ammont minnkom dovut bhala cens ai termini tal-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin tal-11 ta' Novembru 1991 u dan ghall-iskadenzi mill-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Lulju 2007; u mill-1 ta' Awissu 2007 sal-31 ta' Ottubru 2007; u mill-1 ta' Novembru 2007 sal-31 ta' Jannar 2008 fuq il-fond numru ghaxra (10), St. Francis Street, Sliema. Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu is-somma ta’ disa mija u erbgha u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€964.36). L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------